# KUNSILL LOKALI MTARFA

## IS-SITT LEĠIŻLATURA
## MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL
## LAQGĦA NUMRU 7 – L-ERBGĦA 31 TA' LULJU 2013

Il-Kunsill iltaqa' fis-Sala tal-Kunsill Lokali Mtarfa fit-7:50pm.

| Preżenti : | | |
|---|---|---|
| | Daniel John Attard | Sindku (wasal fit-8pm) |
| | Antoine Vella | Viċi Sindku (wasal fit-8pm) |
| | Simon Paul Fenech | Kunsillier |
| | Anthony Mifsud | Kunsillier |
| | Twanny Bugeja | Kunsillier |
| | Josette Micallef | Segretarju Eżekuttiv |

Ma kienx hemm persuni mill-pubbliku jattendu.

Minħabba li s-Sindku u l-Viċi Sindku kienu nqabdu waqt laqgħa tal-MAGF, dawn kienu infurmaw li se jaslu ftit tard. Għaldaqstant kien hemm qbil li l-laqgħa għandha tingħata bidu u titmexxa mill-aktar Kunsillier anzjan, is-Sur Twanny Bugeja.

### 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA NRU. 6

1.1 Il-minuti tal-laqgħa numru 6 ġew approvati unanimament mingħajr emendi u ffirmati mill-Kunsillier Bugeja u s-SE.

### 2. PUNTI MILL-MINUTI

2.1 Is-SE infurmat li ħadd mir-residenti ta' Triq l-Orkidea ma kien sab oġġezzjoni sabiex isiru l-marki doppji sofor mat-tul tat-triq u għaldaqstant kienet bagħtet talba għall-immarkar lil TM għall-approvazzjoni tagħhom.

2.2 Hawnhekk waslu s-Sindku u l-Viċi Sindku u għaldaqstant is-Sindku kompla l-laqgħa hu.

2.3 Il-Viċi Sindku staqsa x'kien ġara dwar para. 2.3. Is-SE infurmat li l-ħadid tar-*railing* ġie ordnat u qed jinħadem minn wieħed mill-ħaddiema tal-IPSL.

2.4 Is-SE infurmat li kienet intbagħtet l-ittra dwar is-sottokumitati lir-residenti kollha u sar avviż ukoll fuq FB. Kien hemm qbil li kull sena l-Kunsill għandu jaħtar sottokumitat mill-ġdid u d-deċiżjoni finali tkun dejjem tal-Kunsill. Hawnhekk kien hawn qbil li ċ-chairperson tas-sottokumitat taż-żgħażagħ u anzjani għandu jkun is-Sindku, dak tas-sottokumitat tal-attivitajiet kulturali u soċjali għandu jkun il-Viċi Sindku filwaqt li dak tat-turiżmu għandu jkun il-Kunsillier Mifsud. Kull kunsillier seta' jattendi għal-laqgħat filwaqt li s-Sindku seta' jattendi bħala ex ufficio. Il-kumplament tas-sotto kumitati għandhom ikunu membri mill-pubbliku.

2.5 Is-SE infurmat li l-problema ta' Triq Gregorio Caraffa kienet għadha ma ġietx solvuta. Hija kienet kitbet ħafna drabi lis-CEO u fl-aħħar dan kien aċċetta li għandu jibgħat inġinier biex jivverifika x-xogħol li kien sar.

2.6 Fir-rigward tax-xogħlijiet fuq l-arkati, is-SE infurmat li l-ħaddiema tal-IPSL kienu għaddejjin biż-żebgħa tal-aħħar ftit sabiex il-proġett kollu taż-żona tal-*barracks* ikun tlesta. Kien hemm qbil li ż-żewġ arkati li huma miżbugħa u li saret manutenzjoni fuqhom mir-residenti m'għandhomx jintmissu iżda s-SE għandha tibgħat ittra lir-residenti sabiex tivverifika magħhom jekk iridux li jinżebgħu bħall-oħrajn jew le.

2.7 Is-SE infurmat li kienet ġabet stima sabiex titneħħa l-bankina minn Trejqet ħażnet l-ilma sabiex takkomoda aktar parkeġġ. Dan ix-xogħol seta' jsir bħala *extra works* mill-kuntrattur li kien qed jaħdem fuq il-parkeġġ u jitħallas mill-fondi tal-Awtorità tad-Djar. Hawnhekk il-Viċi Sindku ma qabilx li x-xogħol għandu jsir mill-kuntrattur li għamel ir-rikostruzzjoni tal-parkeġġ u għaldaqstant wara diskussjoni, kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jagħmel laqgħa maċ-*Chairperson* tal-Awtorità sabiex jitlob biex isir dan ix-xogħol permezz ta' kuntratt ġdid. Is-SE ġibdet l-attenzjoni li d-data ta' meta kellu jsir ix-xogħol skadiet u għaldaqstant ladarba issa se nidħlu f'aktar tul sabiex jinbeda x-xogħol mixtieq, il-probabbiltà hija li l-Awtorità ma tapprovax ix-xogħol mill-fond li fadallu x'juża l-Kunsill. Fuq rakkomandazzjoni tal-Viċi Sindku iżda, il-Kunsill qabel li għandu jieħu dan ir-riskju u jiltaqa' maċ-*Chairperson*.

2.8 Is-SE infurmat li fir-rigward ta' para.3.5, hija kienet iltaqgħat mal-Perit tal-Kunsill u flimkien daru jarw u jiddiskutu l-problemi u s-suġġerimenti li kellha tinfurmah bihom. Huwa kellu jgħaddilha l-informazzjoni lura f'qasir żmien.

2.9 Fir-rigward ta' para. 3.7 rigward l-appell tal-offerta tal-ġbir tal-iskart, is-SE infurmat li kienet attendiet għas-seduta flimkien mal-Avukat tal-Kunsill fejn kienu spjegaw ir-raġunijiet u l-metidoloġija ta' kif ingħataw il-punti. Hija infurmat ukoll li dakinhar kienet għadha kif irċeviet risposta lura min-naħa tal-Bord tal-Appelli fejn kienu qablu mad-deċiżjoni tal-Kunsill. Għaldaqstant kien hemm qbil li s-servizz il-ġdid għandu jibda min-nhar it-Tnejn 19 ta' Awwisu 2013.

2.10 Is-SE infurmat li hi u s-Sindku kienu attendew għal laqgħa mal-MEUSAC fejn kienu ġew diskussi diversi proposti u fondi li l-Kunsill jista' jibbenefika minnhom, bħal applikazzjonijiet għal ġemellaġġi, skambju ta' żgħażagħ u *leaders* u proġetti ta' infrastruttura għal-lokalità. Hawnhekk kien hemm diskussjoni dwar jekk il-Kunsill kellux jibda proċedura biex jagħmel ġemellaġġ ġdid, u għalkemm kulħadd qabel li se tibda tfitxija biex jinstab post adegwat biex isir ġemellaġġ miegħu, il-Kunsill laqa' r-rakkomandazzjoni tal-Kunsillier Mifsud biex itejjeb ir-relazzjonijiet mal-Kunsill ta' Arvidsjaur fl-Iżvezja.

2.11 Hawnhekk is-SE infurmat li b'riferenza għal para. 5.1, il-ħaddiema tal-uffiċċju kienu qed jaħdmu bejn is-7:30am u s-2:30pm matul il-ġranet tas-Sajf (ħlief f'Awwissu meta jispiċċaw fis-1:30pm).

2.12 Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Mifsud dwar para. 3.1, is-Sindku informa li ma kellux ebda risposta iżda li kien kommess li jkompli jinsisti mal-banek.

2.13 Għall-mistoqsija tal-Viċi Sindku dwar para. 8, is-SE infurmat li kienet kitbet lill-MAGF biex twaqqa' l-applikazzjoni hekk kif deċiż mill-Kunsill.

## 3. KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

3.1 Is-Sindku informa li l-mawra għal Sqallija kienet tassew suċċess għaliex attendew 'il fuq minn 60 persuna.

3.2 Is-Sindku staqsa lis-SE fiex wasal il-proġett tal-bosk. Is-SE infurmat li hi kienet għaddiet l-informazzjoni kollha li kellhom bżonn l-MAGF u kienet qed tistenna li jibgħatu għaliha u għas-Sindku sabiex jiġi ffirmat il-kuntratt. Min-naħa l-oħra hija kienet bagħtet tfakkira

lill-MAGF biex qabel ma jiġi ffirmat il-kuntratt, tassigura li l-ammont kollu tal-VAT se jiġi assorbit u ma jridx jitħallas mill-Kunsill.

3.3 Hawnhekk is-Sindku ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li fil-laqgħa li kienu għadhom kif attendew huwa u l-Viċi Sindku, kien ġie mħabbar li kienu se jerġgħu jinfetħu l-applikazzjonijiet għall-Miżura 313 u għaldaqstant ħeġġeġ lill-Kunsilliera biex min għandu xi suġġeriment jgħaddihulu kemm jista' jkun malajr sabiex tintbagħat l-applikazzjoni fil-ħin minħabba li hemm skadenza. Hawnhekk kien hawn qbil li għandu jiġi kkonsultat il-perit tal-Kunsill sabiex possibbilment jiġi preżentat pjan ħolistiku.

3.4 Is-SE ġiet imfakkra li kellha tirranġa ma' Green MT sabiex titpoġġa skip għall-ġbir ta' fliexken tal-plastik fl-Iskola Sekondarja prinċiparjament għall-użu tal-Imtarfa FCYN. Is-SE kienet se tivverifika fiex waslet din it-talba.

3.5 Fuq suġġeriment tal-Viċi Sindku kien hemm qbil li s-SE għandha tikteb lill-Prinċipal tal-Kulleġġ San Nikola dwar il-ħmieġ u ġrieden li kien hemm b'mod speċjali fil-madwar tal-Iskola Sekondarja. Hija għandha tiġbed l-attenzjoni wkoll għall-fatt li parti mill-konkos ta' quddiem il-Kappella ta' San Oswald kien imkisser u għaldaqstant kien qed ikun ta' periklu għall-anzjani b'mod speċjali li jattendu għall-quddies hawnhekk. Is-SE infurmat li hija kienet għaddiet dan l-ilment xi xhur ilu lill-Kap tal-iskola iżda kienet baqgħat bla tweġiba.

3.6 Għall-mistoqsija tas-Sindku dwar fiex wasal id-dawl tal-binjiet, is-SE infurmat li kienet marret fuq il-post mal-Perit tal-Kunsill u spjegatlu x'hemm bżonn. Huwa kien wiegħed li se jaħdem fuq id-dokumenti meħtieġa sabiex tinħareġ kwotazzjoni pubblika għax-xogħol taż-żewġ binjiet in kwistjoni.

3.7 Is-Sindku informa li l-ħajt viċin tal-BP Scouts kien ittella' u għaldaqstant tneħħa l-periklu li kien hemm. Fuq suġġeriment tiegħu kien hemm qbil li l-Kunsill jagħmel xogħol ta' tisbiħ ieħor billi jtella' biċċa ħajt ieħor kif ukoll jirranġa l-pavimentar minħabba li partijiet minnu huwa mkisser u partijiet minnu huwa torba. Fil-parti fejn m'hemmx konkos fil-preżent ġie ssuġġerit li jitwaħħlu wkoll xi bankijiet. Hawnhekk il-Viċi Sindku talab li ssir nota li t-talba oriġinali sabiex isir it-tisbiħ u b'mod speċjali jitneħħa l-periklu viċin tal-HQ's il-ġodda tal-BP Scouts kienet saret min-naħa tiegħu. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni. Il-Kunsill qabel mas-suġġeriment tal-Kunsillier Fenech li jiġi rranġat il-ħajt ta' mad-dawra tal-HQ's.

3.8 Il-Viċi Sindku semma' li l-Kunsill għandu jibda jaħseb biex jinstalla CCTV viċin tal-iskips b'mod speċjali ta' Triq Dar il-Kaptan minħabba l-abbużi li qed ikun hemm.

3.9 Is-Sindku informa li l-mawra bil-lanċa kienet se tiġi tiswa mhux ħażin u għaldaqstant issuġġerixxa li l-catering jieħu ħsiebu l-Kunsill sabiex l-ispiża tiġi inqas. Kienhemm qbil li l-prezz tal-kbar għandu jkun €18 u tat-tfal ikun €10 u kemm-il darba jkun hemm bżonn, il-Kunsill kien se jagħmel tajjeb għal massimu ta' €200 biex din l-attività tirnexxi. Il-Kunsill kien se jżomm id-dritta li jikkanċella l-attività kemm-il darba ma tkunx vijabbli, skont l-ammont ta' persuni li jinkitbu.

3.10 Fuq suġġeriment tas-Sindku kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jorganizza ħarġa għal Għawdex fil-bidu ta' Settembru.

3.11 Is-SE infurmat li kienet irċeviet memo mid-Dipartiment sabiex tavża li kull Kunsill Lokali kellu jiftaħ *merchants account* sabiex jagħmilha possibbli li r-residenti jkunu jistgħu jibdew il-proċedura għal applikazzjonijiet għal krejns, eċċ *online*.

## 4. ĦLASIJIET U PAGAMENTI

4.1 Il-lista tal-pagamenti, kopja tagħha mehmuża, ġiet approvata u ffirmata mis-Sindku u s-SE, bl-eċċezzjoni tal-pagament tas-Sur Ricky Caruana li bi tliet voti kontra tnejn ma kienx hemm qbil li jitħallas għax-xogħol tal-parkeġġ qabel ma jkun irranġa xi nuqqasijiet li kien hemm.

## 5. APPROVAZZJONI TAL-*QUARTERLY REPORT* (APRIL-ĠUNJU)

5.1 Is-SE talbet lill-*accountant* tal-Kunsill sabiex javviċina mal-mejda sabiex jagħti rendikont tal-finanzi tal-kunsill matul it-tliet xhur ta' bejn April u Ġunju 2013.

5.2 Wara li s-Sur Caruana ta spjegazzjoni tal-quarterly report, il-Kunsillier Mifsud staqsa jekk ir-rifużjoni tal-onorarja tiegħu kinitx ġiet innutata. Hawnhekk is-Sur Caruana informa li hu kien ħa *accrual* tagħha fl-2011.

5.3 Ir-rapport ġie approvat u ffirmat mis-Sindku u s-SE.

## 6. MILITARY MTARFA 2013

6.1 Il-Kunsill qabel li għandu jwaqqaf il-laqgħa temporanjament sabiex jiddiskuti l-attività ta' Military Mtarfa mas-Sur Mario Camilleri, li kien se jieħu ħsieb jgħin fl-organizzazzjoni tagħha. Il-laqgħa twaqqfet fl-9:40pm.

6.2 Aktar informazzjoni dwar din il-laqgħa qegħdin mehmuża.

6.3 Il-Kunsillier Fenech skuża ruħu fl-9:45pm.

6.4 Il-laqgħa reġgħet kompliet fl-10:35pm.

## 7. MEMO 17/2013 – SKEMA TA' GĦAJNUNA FINANZJARJA GĦAL *STREAMING* TAL-LAQGĦAT *ONLINE*

7.1 Il-Kunsill qabel li għandu joħroġ sejħa għall-offerti għal *streaming* tal-laqgħat *online*.

7.2 Fuq suġġeriment tas-Sindku, kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jiġbor ukoll kwotazzjonijiet sabiex ikollu l-websajt tiegħu wara li għalkemm kienet inħarġet sejħa għall-offerti fl-2010, din kienet skadiet mingħajr ma l-Kunsill ħa s-servizz li kien talab.

## 8. AĠĠORNAMENT

8.1 Il-laqgħa spiċċat fil-10:55pm. Il-laqgħa li jmiss se tinżamm nhar il-Ħamis 29 ta' Awwissu fis-7:30pm.

| | |
|---|---|
| **Josette Micallef** | **Daniel John Attard** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |

**Laqgħa dwar Military Mtarfa 2013 bejn il-membri tal-Kunsill, is-SE u s-Sur Mario Camilleri**

1. Ġie kkonfermat li d-data tal-attività se tkun il-Ħadd 13 ta' Ottubru 2013.
2. Is-SE għaddiet kopja tal-kommunikazzjonijiet kollha li kienet irċeviet mingħand l-għaqdiet, ir-re-enactors, il-grupp tad-drama ta' Senglea u l-istess Mario Camilleri fost oħrajn, eżatt wara li għaddiet l-attività.
3. Il-Kunsillier Vella ssuġġerixxa li l-Kunsill għandu jagħmel aktar sforzi biex jattendi għal programmi tat-television sabiex ikabbar l-awareness tal-attività għaliex, għalkemm saret kampanja pjuttost intensiva matul is-sena li għaddiet, xorta waħda ma kienx hemm attendenza sodisfaċenti.
4. Ġie ssuġġerit li jinġab permess biex it-Triq tal-Infetti, ta' taħt l-Imdina, sservi bħala post fejn tiġi organizzata l-park and ride u jsiru sinjali oħra li juru li hemm il-P&R fil-viċin.
5. Kien hemm qbil li għandu jiġi użat lok wieħed biss, l-eks sptar u l-madwar tiegħu kif ukoll jekk ikun hemm għalfejn partijiet minn Triq l-Imtarfa.
6. Il-Kunsill qabel li għandu jkun hemm guided tours bil-mixi jew bit-train madwar l-Imtarfa sabiex wieħed jitgħallem aktar fuq l-istorja tal-lokal kif ukoll jara x'toffri l-lokalità tagħna.
7. Kien hemm qbil bejn kulħadd li minflok issir wirja ta' vetturi kwalunkwe, għandhom jinġabu xi vintage cars inkella vetturi li għandhom x'jaqsmu mal-militar jew ma' dik l-era.
8. Kien hemm qbil li l-għaqdiet għandhom jibgħatu jinfurmaw lill-Kunsill minn qabel bil-miktub dwar b'liema mod jixtiequ li jipparteċipaw f'din l-attività. Dawn is-suġġerimenti għandhom jiġu diskussi waqt laqgħa tas-sottokumitat.
9. Kien hemm qbil li l-għaqda tad-Die Cast Models għandhom jiġu mitluba biex jimxu strettament mat-tema u għaldaqstant m'għandux ikun hemm mudelli ta' vapuri u vetturi moderni, eċċ.
10. Is-SE ssuġġeriet li għandu jiġi avviċinat is-Sur Steve Bonello sabiex isiru xi props biex jgħinu aktar biex ikun hemm background aktar ta' dehra militari.
11. Is-Sur Camilleri ssuġġerixxa li parti mis-sala tintuża biex jiġu proġettati filmati tal-gwerra.
12. Is-SE infurmat li din is-sena kienet se toħroġ sejħa għall-kwotazzjonijiet għar-*re-enactment* minħabba li s-sena li għaddiet l-ispiża telgħet aktar minn €1165.
13. Is-Sur Camilleri offra li jkellem lil persuna li kellu partijiet minn radar kif ukoll ippubblika ktieb li jista' jkun ta' interess għal min hu intiż fuq is-suġġett tal-gwerra.
14. Kien hemm qbil li għandu jiġi vverifikat tistax issir xi esebizzjoni/drama dwar is-Sur Carmelo Borg Pisani. Il-Viċi Sindku għandu jivverifika jekk hemmx xi ktieb dwar dan il-personaġġ li jista' jinbiegħ dakinhar.
15. Hawnhekk kien issuġġerit li għandu jkun hemm bejgħ ta' kotba oħra wkoll li jirrigwardjaw il-gwerra.
16. Fir-rigward tal-ikel, kien hemm qbil li għandu jkun hemm offrut biss ikel Malti (bħal ħanzir, żiemel, braġjoli, fenek, timpana, bigilla, platt malti) jew Ingliż (bħal *fish and chips, english breakfast* u *pies*).
17. Kien issuġġerit li jsiru ħofor fi Triq l-Imtarfa quddiem l-Iskola Sekondarja sabiex possibbilment jitwaħħlu xi bandalori magħhom. Is-SE għandha tkellem lill-Perit dwarhom.
18. Kien hemm qbil li għandhom jinstabu xi volontarji biex jgħinu waqt u qabel l-attività minħabba li s-sena li għaddiet kien hemm ftit xogħol li waqa' kollu fuq is-SE, is-Sindku, it-tliet ħaddiema tal-IPSL kif ukoll is-Sur Camilleri.

19. Is-SE għandha tikkuntattja lill-prinċipal tal-Iskola sabiex għall-attività jkun hemm aċċess, jitħalla aċċess għall-elettriku (supplies) u jitneħħew il-vetturi kollha mill-grounds tal-Iskola. Għandu jassigura wkoll li l-post ikun nadif kemm jista' jkun.
20. Il-ħin tal-attività għandu jkun bejn l-10am u l-5pm.
21. Ġie ssuġġerit li dakinhar fil-11am għandu jkun hemm Quddiesa fil-Kappella ta' San Oswald u għaldaqstant għandu jsir kuntatt mal-Kappillan.
22. Kien hemm qbil li għandhom jintbagħtu inviti lill-mistiedna distinti.
23. Kien hemm qbil li l-kamra mortwarja għandha tiġi mnaddfa sewwa qabel l-attività.
24. Ġie ssuġġerit li jkun hemm numru sabiħ ta' logħob tradizzjonali sabiex it-tfal li jattendu jiġu mħajra jipparteċipaw.